KUNSILL LOKALI SLIEMA LOCAL COUNCIL

Depiro Street, Sliema SLM 04

Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33

Ref: Seduta 9#8/11/06/V

# MINUTI TAD-DISA` SEDUTA

**Id-disa`seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 8 ta' Novembru, 2006** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | **Marina Arrigo** |
| Viċi-Sindku: | **Albert Bonello Dupuis** |
| Kunsilliera: | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |

**Deputat Segretarju : Stefania Friggieri (Segretarju Eżekuttiv, Lino Bartolo kien bis-*sick leave*)**

Is-Seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-Agenda.

**AGENDA**

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**
5. **Materji konnessi dwar l-EU**
6. **Affarijet oħra**

**1.Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar seduta**

Il-minuti ta' l-aħħar seduta ġew meħuda bħala moqrija u approvati wara li saret din l-ammenda:

Id-deputat segretarju kienet bgħatet ittra lill-kunsilliera kollha mal-minuti (kopja annessa) 'Doc A' fejn qalet li ma setgħetx tammenda punt numru 8.3 tas-seduta numru seba minħabba li fil-Kunsill tat-tmien seduta waqt il-korrezzjonijiet, ma ngħatatx il-versjoni l-ġdida.

Il-Kunsill iddeċieda li punt 8.3 għandha tinqara kif ġej:

Is-Segretarju Eżekuttiv Lino Bartolo qal, li jħoss li kienet qiegħda ssir inġustizzja kontrih minn ċertu kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qassam u wera kopja lill-kunsilliera preżenti, ta' ittra ta' thedid li kien irċieva bil-posta.

**2. Materji konessi mal-Minuti**

2.1 Il-kunsillier Michael Briguglio staqsa kellniex xi informazzjoni mill-pulizija dwar l-*Army and Navy* u mill-*Health and Safety* dwar il-*Mozzarella Restaurant*. Il-Kunsill għandu jerġa jfakkar lill-awtoritajiet konċernati.

*(Fil-4.50 pm daħlet il-kunsilliera Margaret Ann Azzopardi)*

2.2 Il-kunsillier Martin Debono staqsa dwar il-permessi ta' l-imwejjed u s-siġġijiet (2.4 ta' l-aħħar seduta). Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward dan, fejn infurmawna li huma ma joħorġux il-permessi skond in-numru ta' l-imwejjed u s-siġġijiet izda tinħadem skond l-*area*. Il-kunsillier Nikki Dimech issuġġerixxa li għandha naraw kif tiġi kkalkulata.

2.3 Il-kunsillier Michael Briguglio staqsa dwar il-*Green Wardens* (4.3 ta' l-aħħar seduta). Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat l-informazzjoni li talbet dwar il-proċedura biex ikollna *green warden* f'Tas-Sliema. Fejn fost affarijiet oħra nfurmat li dan se jiswa lill-Kunsill Lm8.25 kull jum, għal kull gwardjan u Lm9.75 il-Ħdud u festi kmandati. Li possibilment ma jħallux gwardjan wieħed, ħalli wieħed ikun xhud ta' l-ieħor. Normalment, il-mod kif persuna tiġi mħarka hija b'mandat, għax ma jkunx hemm aċċess biex ċitazzjoni tinħareġ fuq vettura, bħal kif joħorġu l-kumplament taċ-ċitazzjonijiet. Barra minnhekk jekk il-Kunsill jiddeċiedi li għandu jkollu *green warden* dan irid jiġi miftihem mal-kumitat konġunt minħabba li qegħdin f'*pooling system*. Il-Kunsill iddeċieda, li l-kunsillier Nikki Dimech (bħala rappreżentant ta' dan il-kumitat konġunt), għandu jistaqsi jekk il-Kunsill jistax ikollu dan is-serivzz fuq bażi ta' prova, għal ftit sigħat kull tant żmien għal ftit xhur. Sakemm naraw din is-sistema taħdimx favur il-Kunsill.

2.4 Il-kunsillier Michael Briguglio reġa fakkar dwar il-*bye-laws* li l-Kunsill għandu joħroġ dwar il-*catering establishments* biex iżommu nadif (4.14 ta' l-aħħar seduta). Id-deputat segretarju għandha tibda bil-proċedura meħtieġa.

2.5 Il-kunsillier Martin Debono A&CE informa li dwar dak il-prodott, li bih il-ħammiem ma jkunux jistgħu jipproduċu, li kien semma fl-aħħar laqgħa (punt 4.1) għandha nsaqqsu lis-Sinjura Martha Kane. Is-Sindku għanda tkellem lis-Sinjura Kane.

2.6 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis staqsa jekk *Polidano Bros* ħallasx ta' l-*encroachment*. Talab ukoll l-*area* ta' dan l-*encroachment* (2.1 ta' l-aħħar seduta). Is-Sindku nfurmat li kellmet dan il-kuntrattur. Is-Sindku nfurmat ukoll li kienet tkellmet mas-Sur Cremona tal-*Plaza Hotel* fuq il-garanzija bankarja għall-bankina u nfurmawna li kien hemm xi arranġamenti mal-Kunsill ta' qabel. Il-Viċi Sindku qal li ma kien hemm l-ebda arranġamenti. Il-Kunsill iddeċida li ma għandux joħroġ permessi oħra lill-dawn iż-żewġ kuntratturi qabel ma jagħmlu l-ħlas dovut.

2.7 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis irrefera għal problema li għad hemm fi Triq Rudolfu (4.16 ta' l-aħħar seduta). Is-Sur Albert Bonello Dupuis fakkar li fl-aħħar Kunsill, flimkien miegħu kienu marru l-ex kunsillier Michael Pace Ross, is-Segretarju Eżekuttiv Lino Bartolo, il-Perit Chris Spiteri u s-Sur Ian Farrugia rappreżentant ta' Polidano Bros, *on site* fejn iddiskutew il-problema u ddeċidew li għandu

jkun hemm qlib għal Triq D'Argens, qlib għal Beresford u qlib ieħor li jmur għan-naħa ta' l-Għassa, biex tissolva l-problema ta' l-ilma. Fuq dan il-punt il-Kunsill iddeċieda li dawn in-nies imsemmija għandhom jiltaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill flimkien mas-Sindku preżenti Marina Arrigo u l-kunsillier Martin Debono A&CE kif ukoll l-avukat tal-Kunsill.

2.8 Fl-aħħar seduta ġie deċiż li tinħareġ *tender* għat-trasport ċirkulari ġewwa Tas-Sliema (punt 2.9).

Id-deputat segretarju qrat il-kundizzjonijiet li l-Kunsill kien iddeċida fl-aħħar seduta, flimkien ma punti neċessarji oħra. 'Doc C' anness.

Il-Kunsill qabel ma dan, u s-sejħa għat-*tender* se tiġi ppubblikata. Fuq dan il-punt il-Kunsill iddeċieda li jinħoloq bord. Dan se jkun magħmul mis-Sindku M. Arrigo, l-kunsilliera M. Debono, N. Dimech, M. Briguglio, M. Azzopardi u M. Aquilina, u għandhom jiltaqgħu qabel l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.9 Dwar il-punt 3.3 ta' l-aħħar seduta fejn il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward ir-*reserved parking*, is-Sindku nfurmat li kellmet l-Awtorita' u li qabblu pero għad iridu jagħtuna d-data.

Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis issuġerixxa li s-Sinjur Borg Bartolo resident fi Triq Il-Kulleġġ l-Antik għandu jkollu t-tabella tar-*Reserved Parking* iżda ma tistax tkun personalizzata. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.10 Is-Sindku nfurmat li l-*local plans* li kienu ntalbu fl-aħħar seduta (4.10) qegħdin fl-uffiċċju għal min irid jarhom.

2.11 Il-kunsillier J. Galea fl-aħħar seduta kien staqsa dwar l-iskema ta' l-RPZ (4.11). Id-deputat segretarju qrat il-lista ta' toroq li kien għad fadal biex isir ir-rapport dwarhom mill-perit George Said. It-toroq li ġew approvati mill-kunsilliera preżenti huma dawn: Beresford, Bisazza, Castelletti, D'Argens, Sqaq Fawwara, Ġanni Benċini, Sqaq Rudolfu, Kent, Kurunell Savona, Pjazza tal-Lunzjata, Mc Iver, Moroni, Pace, Parisio, Ponta' ta' Dragut, San Girgor, San Ġaċintu, San Ġużepp, Sant'Elena, Ix-Xatt ta' Tigne', Triq it-Torri u x-Xatt.

2.12 Dwar is-suġġeriment li kien ressaq il-kunsillier N. Dimech fl-aħħar seduta (punt 2.5) fejn il-Kunsill kellu jitlob lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet għall-għajnuna sabiex jissewew ftit mit-toroq imkissra, is-Sindku M. Arrigo nfurmat li għandha tirċievi mid-Dipartiment, kif se taħdem is-sistema ta' *Joint Venture* bejn il-Kunsill u d-Dipartiment.

2.13 Tqassam rapport dwar il-multi li ngħataw mill-gwardjani lokali fuq il-kostruzzjoni, li kien talab il-kunsillier L. Vella (punt 4.2 ta' l-aħħar seduta).

2.14 Il-Bord li kellu jieħu ħsieb it-*tenders* tal-ġbir ta' l-iskart informa lill-Kunsill li qabel, il-bord iltaqa` ma wħud mill-applikanti sabiex jiċċara ċertu punti. Il-Kunsill informa li waħda mill-problema komuni kienet il-ħin li ntalab, li hu mill-10 ta' filgħodu. Il-Kunsill għandu jiċċekkja ma wħud mill-applikanti sabiex jivverifikaw bil-miktub il-ħin li jistgħu jibdew.

Deċiżżjoni għadha ma tteħdietx.

**3. Komunikazzjonijiet/Korrispondenza u ħlas ta' Pagamenti.**

3.1 Id-deputat segretarju ressqet dawk il-pagamenti li kienu nżammu fis-seduta numru 6 ta' 23 t'Awissu, 2006 pagabbli lill-Med, Develepors Designers and Consultants Ltd u l-Perit Bezzina. Għal dawk il-pagamenti pagabbli lill-Perit Bezzina, id-deputat segretarju rreferiet għall-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 11 t'Ottubru, 2006 fejn id-Dipartiment ta' l-parir lill-Kunsill biex jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Espert li ġie mqabbad mill-Kunsill biex jagħmel rapporti dwar *road resurfacing* u xogħol ta' *patching*. Fuq dan il-punt jekk saru r-rapporti, ix-xogħol għandu jitħallas.

Għal dawk pagabbli lill-Med Developers, id-deputat segretarju staqsiet lill-kunsilliera jaqblux li dawn jiġu approvati minħabba li fl-aħħar seduta ġie deċiż li t-tender jingħata lill-Med Developers.

Fuq dawn iż-żewg punti ttieħed vot kif ġej:

Is-Sindku M. Arrigo, Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera N. Dimech, J. Galea, M. Briguglio, M. Azzopardi u L. Vella kienu favur li l-pagamenti jiġu approvati. Filwaqt li l-kunsillier M. Debono astjena, għal raġuni li fl-aħħar seduta, qal li xtaq jibqa barra mid-deċiżjoni tat-*tender* minħabba l-etika tal-periti (punt 7 ta' l-aħħar seduta). Il-Kunsilliera M. Aquilina astjeniet ukoll.

Dawn il-pagamenti ġew approvati.

3.2 Il-pagamenti li jkopru minn ċekk numru 8121 sa 8185 ġew approvati u ffirmati minn żewġ kunsilliera.

***Korrispondenza***

3.3 Ittra mid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-kuntrattur Emanuel Abela li qiegħed jaħdem Triq San Vinċenz ma' San Lawrenz. Fejn il-kuntrattur mar jirraporta li qed jiġi mitlub ħlas mhux skond l-avviż legali 119 ta' l-2002. Is-Sindku spjegat li l-flus li ħallas kien tal-*hoarding* u misinterpreta lid-Dipartiment bl-informazzjoni. Is-Sindku nfurmat ukoll li l-avukat tal-Kunsill irrisponda lid-Dipartiment f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li permessi oħra ma jingħatawx qabel ma jagħmel il-ħlas meħtieg.

3.4 Talba mis-Sur Jean Pierre Stanyer, għal *sleeping policeman* quddiem 79, Triq Sant'Elena. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

3.5 Ittra minn *Prisma Technology Ltd* rigward *backup system* għall-uffiċċju tal-Kunsill. Id-deputat segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsill, li tħoss li huwa importanti li fl-uffiċċju jkun hemm din it-tip ta' sistema. Il-kunsilliera M. Debono u N. Dimech għandhom jiltaqgħu ma' *Prisma Technology Ltd* għal aktar informazzjoni.

3.6 Talba minn *Curtain Raiser Theatre Troupe* għall-permess biex issir attivita` għat-tfal, nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru u 3 ta' Diċembru, 2006. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

3.7 Ittra mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rigward allokazzjoni ta' *bring-in sites*. Il-kunsill ġie nfurmat dwar għandniex nawtorizzaw lill-Ministeru biex jużaw l-allokazzjoni ta' Lm1500 u jieħdu ħsieb il-*bring in sites* huma. Il-Kunsill talab iżjed informazzjoni, qabel ma jkun jista jiddeċidi.

3.8 Is-Sindku ressqet stima ta' Lm165.20 mill-MSD biex titwaħħal *bus shelter* ġewwa Triq D'Argens (quddiem is-*Savoy Guest House*). Il-Kunsill qabel dwar dan. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel ukoll li għandha titwaħħal *bus shelter* ġewwa Triq Bisazza.

3.9 Ittra mill-MEPA fejn talbet il-kummenti tagħna, dwar talba biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 110, The Strand Sliema. Il-kunsilliera preżenti kollha, minbarra l-kunsillier L. Vella li astjena, qablu ma' dan b'kundizzjoni li jitħalla aċċess għan-nies, *pushchairs* u *wheelchairs*.

3.10 Petizzjoni mir-residenti ta' Triq Luzju fejn talbu li jkun hemm iżjed dawl. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

3.11 Talba mis-*Sliema Day Centre* biex ngħinuhom jorganizzaw il-festin għall-Milied għall-Anzjani li se jsir fit-18 ta' Diċembru, 2006. L-ammont m'għandux jaqbeż il-mitt lira. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.12 Ittra dwar il-*Clean up the World Campaign* fejn staqsew lill-Kunsill hux interessat li jipparteċipa. Il-Kunsill ma setgħax jieħu dan l-impenn din is-sena.

**4. Komunikazzjonijiet/Mistoqsijiet lis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv.**

4.1 Is-Sindku nfurmat li l-aħħar pubblikazzjoni tal-magazine 'Tas-Sliema' għada ma' ħarġitx. Preżentament l-editur huwa s-Segretarju Eżekuttiv, Lino Bartolo li bħalissa qiegħed fuq *long sick-leave*. Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera preżenti kienx hemm xi ħadd lest li jkun l-Editur, b'dedikazzjoni u li jkun kapaċi jiffaċċja r-responsabbilitajiet li jġib miegħu. Ħadd mill-kunsilliera preżenti ma' seta jieħu dan l-impenn. Il-Kunsill kellu jara dwar dan. Pero s-Sindku nfurmat lill-kunsilliera preżenti li min kiteb artiklu għall-aħħar *magazine* li suppost ħareġ, jirranġah sabiex ikun

jista jiġi ppubblikat għal żmien il-Milied. Għal din il-ħarġa, peress li kien diġa mbeda l-proċess, l-editur preżenti huwa responsabbli.

4.2 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li, d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bgħat l-versjoni konsolidata ta' l-A.L. 119 ta' 2002 rigward skeda C bin-numru 4 dwar li l-ħlas ta' depositu jew użu ta' krejn jew makkinarju waqt il-bini, kostruzzjoni jew demoluzzjoni ta' xi bini, ikun ta' Lm1. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jibqa ma' l-istess deċiżjoni li jżomm Lm20 minħabba l-istess raġunijiet li dejjem ta'.

4.3 Il-Kunsill iddeċieda li għal żmien il-Milied ma jingħatawx permessi ta' krejns bejn it-18 ta' Diċembru, 2006 u t-2 ta' Jannar, 2007 dan biex inserrħu ftit lir-residenti mill-problemi li toħloq il-kostruzzjoni. Il-Kunsill għandu javża fil-gazzetta tal-gvern u l-gazzetti lokali.

4.4 Il-Kunsill qabel li jixtri madwar 60 djarji kbar u madwar 25 żgħar.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li se jagħlaq ġurnata qabel u wara l-Milied, u ġurnata qabel u wara l-ewwel tas-sena, mill-leave tal-ħaddiema stess. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.6 Il-Kunsill qabel li jiltaqa` permezz ta' ikla għal żmien il-Milied, nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2006 għal xi t-8.30pm. Il-Kunsill għandu jġib tlett kwotazzjonijiet minn postijiet tas-Sliema stess.

4.7 Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza *Christmas drinks* għal ħaddiema u għal min b'xi mod jew ieħor ikun ta' xi kontribut lill-Kunsill, nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru, 2006 f'nofs in-nhar fl-uffiċċju tal-Kunsill.

4.8 Id-deputat segretarju ġibdet l-attenzjoni li t-tielet Erbgħa tax-xahar, li normalment issir il-laqgħa tal-Kunsill se tkun viċin wisq il-Milied. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2006 fl-4.30pm.

4.9 Il-kunsilliera M. Aquilina u l-kunsillier L. Vella nfurmaw bl-attivita` li qegħdin jorganizzaw flimkien mas-sotto kumitat tal-kultura u l-anzjani. Il-ħarġa se tkun nhar it-22 ta' Novembru, il-Palazz ta' San Anton fejn ir-residenti se jiltaqgħu mal-President ta' Malta l-E.T. Edward Fenech Adami u l-mara tiegħu. F'din l-okkażjoni jkun xieraq li jingħata bukkett fjuri lil Mrs Fenech Adami u tingħata wkoll donazzjoni lill-*Malta Community Chest Fund*. Il-kunsilliera konċernati talbu lill-Kunsill, jaqbilx li joħroġ parti minn din id-donazzjoni li hi ta' Lm25, Peress li din l-għaqda taqa' taħt skema VIII, il-Kunsill qabel li tingħata parti mid-donazzjoni. Il-parti l-oħra tiġi mħallsa mid-dħul tal-biljetti li jħallsu r-residenti.

4.10 Il-kunsilliera M. Aquilina, f'isem is-sotto kumitat tal-kultura u l-anzjani talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara *megaphone* biex ikun jista jintuża għall-ħarġiet u anke għall-attivitajiet oħra organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

4.11 Il-Kunsill qabel li nixtru xi ħaġa żgħira għar-residenti Slimiżi li qegħdin ġewwa l-isptar San Vinċenz de Paule għal żmien il-Milied.

4.12 Il-kunsilliera M. Aquilina ressqet suġġeriment biex issir *sleeping policeman* ġewwa Triq Manwel Dimech madwar l-*area* ta' l-iskola biex jiġi evitat il-periklu għat-tfal. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis issuġġerixxa li ssir *sleeping policeman* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik (in-naħa tal-kappella). Il-Kunsill qabel li meta ssir *ż-zebra crossing* issir b'rampa, importanti li r-rampa ma tkunx għolja.

4.13 Il-kunsilliera M. Azzopardi nfurmat li għandna ammont ta' *pots* tas-siġar li jistgħu jitpoġġew madwar Tas-Sliema, bl-idea li jekk hu possibbli fejn jitwaħħlu, jieħdu ħsibhom ir-residenti stess. Il-kunsilliera M. Azzopardi talbet lill-membri preżenti, jekk ikollhom xi post fejn jistgħu jissuġġerixxu għandhom jikkuntattjawha. Issemmew Triq Dingli u Bisazza. Il-kunsillier M. Briguglio ssuġġerixxa li għandna niktbu lill-għaqdiet Slimiżi biex naraw min hu interessat li jieħu ħsiebhom.

*(Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Aquilina telqu s-seduta fis-6.25pm)*

4.14 Is-Sindku nfurmat li kien hemm min avviċina sabiex jara l-Kunsill hux interessat li jixtri *educational* DVDs biex jinxtraw mill-Librerija. Il-kunsillier M. Briguglio ġibed l-attenzjoni li rridu noqgħodu attenti x'tip huma dawn *l-educational DVDs*. Apparti minn hekk, il-kunsillier L. Vella ikkumenta dwar kif se jiġu amministrati dawn il-flus permezz tal-Librerjia. Il-Kunsill iddeċieda li m'għandux jixtri dawn id-DVDs.

4.15 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar *shades* tad-dwal li hemm fuq il-ħamrija tul il-*promenade*. Dawn ilhom mitfijin żmien u mhux daqshekk faċli li jiġu rranġati. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jgħattihom bil-ħamrija.

4.16 Is-Sindku nfurmat li l-kumitat ta' Triq it-Torri jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill rigward l-istorbju li jkun hemm matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' magħhom nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2006 fl-4pm, qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

4.17 Is-Sindku nfurmat li kellha ilmenti dwar il-linji sofor li hemm fi Triq Depiro quddiem il-garaxxijiet. Il-kunsillier M. Briguglio li mhux kull garaxx għandu l-istess wisa' ta' entratura. Il-Kunsill għandu jkejjel dawn il-garaxxijiet.

*(Il-kunsillier L. Vella telaq mis-seduta fis-7pm)*

4.18 Fuq suġġeriment tas-sotto kumitat ta' l-ambjent, Il-kunsilliera M. Azzopardi staqsiet il-Kunsill jaqbilx li jixtri *hedge cutter* għal manutenzjoni ta' *soft areas* li jiswa bejn Lm175 u Lm200. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni basta jinżamm l-uffiċċju tal-kunsill wara li jintuża.

**5. Materji konnessi dwar l-EU**

Il-kunsillier J. Galea spjega kif taħdem is-sistema ta' *l-EU funding* dwar il-proġett 'are you being served?' U li l-fondi jidħlu minn qabel. Dan il-proġett huwa bħala *joint venture* mal-Kunsill Lokali Swieqi. Fuq dan il-punt il-kunsillier J. Galea nforma li hemm bżonn jinfetaħ *bank account* komuni bejn iż-żewġ kunsilli biex il-flus jistgħu jidħlu direttament fih, u jiġu amministrati miż-żewġ kunsilli. Is-Sindku talbet li jkollha l-minuti tal-Kunsill Swieqi fejn kien qabel dwar dan il-proġett u li jinfetaħ dan il-*joint account*. Il-Kunsill jaqbel ma dan, wara li jkollna l-minuti mill-Kunsill Swieqi, kif ukoll bil-kundizzjonijiet annessi ma' dawn il-minuti 'DOC B'.

**6. Affarijiet Oħra**

6.1 Il-kunsillier J. Galea ssuġġerixxa sabiex ikollna sistema mill-*website* tagħna, fejn min irid jabbona mal-Kunsill biex jibda jiġi nfurmat bl-attivitajiet. Din tiswa madwar Lm240. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju nfurmaw li fuq il-*website* stess hemm sezzjoni bin-*news item* tal-Kunsill stess. Fejn awtomatikament min hu interessat se jidħol u jara x'hemm. Għal attivitajiet kulturali li jiġu organizzati mill-Kunsill is-sotto kumitat tal-anzjani u affarijiet kulturali kien issuġġerixxa sistema fejn min irid iħallas Lm1 biex jiġi nfurmat kull xahar. Din is-sistema tiswa ftit ħin u ftit flus lill-Kunsill, u għandha titkompla. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.2 Il-kunsillier M. Briguglio nforma li hu flimkien mal-kunsillier M. Debono, iltaqgħu ma' studenti universitarji dwar xi studji li qegħdin jagħmlu. Fuq talba ta' l-istudenti, il-kunsillier M. Briguglio staqsa lill-kunsilliera preżenti humiex interessati li jiltaqgħu magħhom ukoll. Il-kunsilliera preżenti ma' sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

*(Il-kunsillier M. Briguglio telaq mis-seduta fis-7.30pm.)*

6.3 Il-kunsilliera M. Azzopardi ressqet suġġeriment sabiex Triq Don Rua tiġi *one way*. Il-kunsill iddeċieda, li rigward traffiku, aħjar għalissa jibqa kollox kif inhu minħabba l-proġett tal-*bridge* f'San Giljan li se jibda fi ftit żmien.

6.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm bżonn li timtela vakanza tal-post klerikali. Is-servizz klerikali li qiegħed jingħata bħalissa huwa *on contract basis* li qiegħed jiswa ħafna iżjed lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan u d-deputat segretarju eżekuttiv għandha tibda bil-proċess neċessarju.

6.5 Il-kunsilliera M. Azzopardi ssuġġeriet li jitwaħħlu xi *warning signs* għal fuq il-kosta bħal Exiles u Ferro Bay etc, biex nevitaw il-periklu għal meta l-baħar ikun imqalleb. Il-Kunsill qabel ma' dan u għandhom jiġu ordnati.

6.6 Il-kunsilliera M. Azzopardi ressqet suġġeriment biex titwaħħal *traffic mirror* fi Triq il-Kbira ma' Triq Borġ Olivier. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

6.7 Il-Kunsill qabel li l-kunsillier J. Galea għandu jkun ir-rappreżentant uffiċċjali tan-*National Euro Conversion Committee* NECC.

6.8 Il-kunsillier Julian Galea staqsa l-Kunsill jaqbilx li nżejnu s-siġar ta' madwar il-Kunsill għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-seduta ngħalqet fit-7.45pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għat-12 ta' Diċembru, 2006 fl-4.30pm.

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**

KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

DOC 'A'

**Lis-Sindku**
**Lill-Viċi-Sindku**
**Lill-Kunsilliera**

19 t'Ottubru, 2006

Għeżież,

Fl-aħħar seduta tat-18 t' Ottubru waqt il-korrezzjoni tal-minuti tqajjmu diversi kummenti dwar il-punt 8.3 (tal-versjoni tas-Segretarju L. Bartolo). Il-Kunsill kellu jara dwar din il-korrezzjoni wara li jsiru l-korrezzjonijet l-oħra, iżda minħabba li nqalgħu diversi suġġetti oħra, ma' reġax irrefera għal dan il-punt.

Qegħda ninforma b'dan, għaliex ma stajt nagħmel l-ebda emenda ta' dan il-punt, għax ma ngħatax il-versjoni l-ġdida.

Nitlob lill-kunsilliera li jekk iridu jagħmlu xi emendi jagħmluh fil-laqgħa li jmiss.

Grazzi

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

DOC 'C'

**Annex 1**

---

**Specifications for Circular Bus Service in Sliema**

- Accessible to persons with disability and elderly people.
- Environmental friendly.
- The vehicle should be well conditioned and suitable for the all the roads in Sliema.
- Flexible routes. Routes might change from time to time including also routes leading out of the Sliema area according to needs of the general public).
- Scheduled time should be respected at all times. If complaints arriving at the Local Council prove to be true that schedules are not adhered to, these might incur penalties to the contractor as it would be established in the contract.
- A sign reading 'Circular bus service provided by the Sliema Local Council' should be displayed on the vehicle.

**Annex 2**

- Price should be quoted on a daily basis including Sundays and Public Holidays **per trip**. Routes would usually take approximately one hour.

**Duration of Contract**

The contract period shall be for one year as from commencement date, renewable annually for a further period not exceeding three years. Earlier termination is subject in accordance to provisions of the general conditions and specifications.